QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 2 ta' Frar 2001

Numru 1

Citaz. Nru. 2009/98 FDP

Joseph R Aquilina bhala Chairman, Joseph Bonello bhala Segretarju u Carmel D'Amato, Anthony Gatt u Alfred Cassar Reynaud bhala Membri tal-Board ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mediterranean Conference Centre

Vs

Exhibition Network International Ltd u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2000 l-isem tas-socjeta` konvenuta gie korrett biex jaqra Exhibitions Network Int. Ltd.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` konvenuta kriet minghand l-atturi *nomine* s-sala "Dar il-Wiri" f'Dar il-Mediterran ghall-granet 14, 15, u 16 ta' Frar 1997 ghall-wirja bl-isem "Il-Mara tal-Lum" u ghall-granet 12 u 13 ta' Frar 1997 ghall-preparazzjoni ta' l-istess wirja u ghas-17 ta' Frar 1997 ghaz-zarmar ta' l-istess wirja, u dan ghall-prezz komplessiv ta' elfejn seba' mija u erbatax-il lira Maltin (Lm2714) skond l-invoice datata 18 ta' Frar 1997 annessa mac-citazzjoni u markata Dok A;

Premess illi s-socjeta` konvenuta ordnat ghand l-attur u giet moghtija mill-attur ikel u xorb ghall-mitejn persuna ghall-opening reception tal-wirja bl-isem "Il-Mara tal-Lum" f'"Dar il-Wiri" f'Dar il-Mediterran fit-13 ta' Frar 1997, u dan ghall-prezz miftiehem ta' tmien mija u disghin lira (Lm890) skond l-invoice datata 14 ta' Frar 1997 annessa mac-citazzjoni u markata Dok.B;

Premess illi s-socjeta` konvenuta hallset lill-attur l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) biss, hija debitrici ta' l-attur fl-ammont ta' tlett elef tlett mija u erba' liri Maltin (Lm3304);

Premess illi s-socjeta` konvenuta, ghalkemm giet interpellata biex thallas l-imsemmi ammont, baqghet inadempjenti;

Premess illi jissussistu l-elementi kollha rikjesti biex jigu applikati l-Artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 12;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 12;

2. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta' l-attur fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u erba' liri Maltin (Lm3304), u

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi *nomine* l-ammont fuq imsemmi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar 1998 u bl-imghax legali mit-18 ta' Frar 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-Verbal ta' l-Udjenza tat-3 ta' Novembru 1998 fejn dehru d-difensuri tas-socjetajiet kontendenti u talbu differiment peress li kien hemm possibilita` ta' transazzjoni, u dan wara li d-difensur tas-socjeta` konvenuta talab li jinghata l-fakolta li jipprezenta in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici permezz tac-citazzjoni odjerna talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' Lm3304 bilanc ta' somma akbar wara li fuq ordinazzjoni ta' l-istess socjeta` konvenuta, kienet forniet sala fil-Mediterranean Conference Centre u pprovdit ikel u xorb fl-istess lokal;

Illi s-socjeta` attrici pprezentat kopji tal-fatturi relattiva;

Illi x-xhud Charles Bonello fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-Qorti kkonferma li kienu saru xi inkontri mas-socjeta` konvenuta pero` dawn baqghu minghajr ezitu u l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien ghadu kollu dovut;

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta inghatat kull opportunita` biex issostni t-talba taghha u anke

biex tressaq il-provi taghha, dan baqghet ma ghamlitux u ma dehret qatt ghall-ebda wiehed mid-differimenti li kien hemm qabel il-kawza waslet ghas-sentenza;

Illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta illi s-socjeta` attrici ppruvat b'mod sodisfacenti il-pretensjoni taghha kontra s-socjeta` konvenuta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda;

Tilqa' t-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa’ t-Tielet Domanda u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' tlett elef, tlett mija u erba’ liri Maltin (Lm3304) kif fuq dovuti, bl-imghax kif mitlub fl-istess citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur